# GĦAJNEJN *

Għajnejn ta' rġiel jiġru, u jaqgħu, u jwerżqu,
Għajnejn ta' rġiel jgħajtu, jitħabtu fid-demm,
Għajnejn nies imwerwra, miġnuna fil-ħsara,
Għajnejn nies għajjiena, mitlufa fil-hemm.

Għajnejn ta' rġiel jgħixu fit-tama, ħosbiena,
Għajnejn nies li jħobbu w jobogħdu fil-ħin,
Għajnejn nies imġerrħa, maħsula fid-dmija,
Għajnejn qed imutu, għajnejn ġa mejtin.

Ġ. C.

---

(*) Din il-poeżija, ċkejkna imma ħelwa, hi maqluba fil-Malti mill-Ingliż ta' wieħed li ried iżomm ismu moħbi. (Hi meħuda mill-ktieb *Poems for Spain*, miġbur minn Stephen Spender u John Lehmann).